**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**DISTRETT QORMI**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Bryden Azzopardi**

**Illum, 20 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni maħruġa fil-konfront ta' Bryden Azzopardi ta' 28 sena, bil-karta tal-identità numru 104090M, li permezz tagħha ġie akkużat:

> *"Talli fit-8 ta' Frar 2017 u fil-25 ta' Ottubru 2017, ġewwa Ħal Qormi,*
>
> *1) minghajr il-hsieb li tisraq, izda biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, ghamilt uzu ta' ghalqa gewwa Hal-Qormi u fixkilt lil familja Casha fil-pussess ta' ħwejjighom.*
>
> *Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-Art 383 tal-Kap 9".*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

L-imputazzjoni odjerna tirrigwarda r-reat tar-*ragion fattasi*. Illi l-akkuża tiffigura l-offiża tar-*ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija, jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan, Francesco Carrara, fil-kitba tiegħu Esposizioni dei Delitti in Specie – Parte Speciale del Programma del Corso di Diritto Criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'paġna 487, para 2850, itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

> *"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*
>
> *2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*
>
> *3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*
>
> *4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo**, nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), intqal hekk:

> *"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*
>
> *(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*
>
> *(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*
>
> *(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*
>
> *(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95]; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, fit-18 ta' Novembru, 1996:

> *"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles*

*Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti, in parentesi, tirribadixxi, li hawnhekk hija qiegħda taġixxi fil-vesti tagħha ta' kompetenza kriminali, u mhux fil-vesti tagħha ta' kompetenza ċivili. Tajjeb jiġi mfakkar fir-rigward tal-imputazzjoni ta' *ragion fattasi*, għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Maria Dolores Debono u Paul Debono et**:

*"Issa irid jinghad illi fejn si tratta tar-reat ta' ragion fattasi,*

*'Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap 9) ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobbli ta' dak li jkun – ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevejni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (App. Krim. Il-Pulizija vs Anthony Micallef (deciza 30/07/2004)."*

Issa din il-Qorti tqis illi fil-kliem tal-liġi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-*ragion fattasi* jinħtieġ li l-imputat "*ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu*." Fi kliem ieħor, jinħtieġ att estern li jispolja lil ħaddieħor minn oġġett li jkun qiegħed igawdi. Jekk il-pussess ikun diġà qiegħed għand l-imputat u l-imputat jagħżel li jżomm dan il-pussess, ma jkun qiegħed jagħmel l-ebda att estern li permezz tiegħu, ineħħi l-oġġett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruħu minnu.

Fil-każ odjern, minn eżami tal-provi prodotti, jirriżulta s-segwenti:

Skont **Philip Casha**, fil-25 ta' Ottubru, 2017, sar rapport, għax l-imputat kisser ix-xatba li kienet saret minnu u minn familjari tiegħu, bil-konsegwenza li l-imputat daħal ġor-raba'. Philip Casha spjega li din ir-raba' ma kinitx tinħadem minnu jew mill-familjari tiegħu, iżda minn persuna oħra li kienet tħallas il-qbiela. Irriżulta wkoll li qabel ma' saret din il-grada, Casha u l-familjari tiegħu kienu talbu lill-imputat, sabiex joħroġ minn din ir-raba' mertu tal-kawża, iżda dan kien dejjem iwiegħed li ser joħroġ u qatt ma joħroġ. Philip Casha ppreżenta wkoll ċertifikat ta' titlu maħruġ mir-Reġistru tal-Artijiet, fir-rigward tal-familja tiegħu in konnessjoni ma' din ir-raba'. In kontroeżami, huwa kkonferma d-data tal-inċident u ċioè 25 ta' Ottubru, 2017, u reġa' kkonferma li kien ra lill-imputat jaqla' tali xatba.

**George Casha** sostna li huwa kien mar jittawwal lil din l-għalqa, għaliex għand min kienet, miet, u sabu lill-imputat jaħdem din ir-raba'. Spjega li l-imputat u xi nies oħra kienu marru għalih id-dar, għaliex l-imputat kien qed jinsisti li għandu dritt jaħdem din ir-raba'. Sostna li x-xatba li għamlu, ġiet imkissra. Ikkonferma li l-imputat reġa' daħal fir-raba', wara li tkissret ix-xatba. Ġie ndikat ix-xahar ta' Ottubru 2017, bħala ż-żmien meta seħħ dan kollu.

**Alfred Casha** spjega li saret xatba biex ma jidħolx l-imputat fir-raba'. Spjega li din ix-xatba tneħħiet u għalhekk sar rapport mal-Pulizija. Sostna li qabel ma' saret

ix-xatba, huwa qatt ma kien imur fir-raba'. Ġie ndikat ix-xahar ta' Ottubru 2017, bħala d-data tal-inċident. In kontroeżami, huwa rrefera għaż-żmien meta seħħ dan l-inċident, bħala 2018. Ikkonferma li huwa qatt ma daħal fl-għalqa u kien mar biss darba, biex issir din ix-xatba. Sostna li huwa ma rax lill-imputat ineħħi x-xatba.

L-imputat spjega li din ir-raba' kien ilu snin jaħdimha, sakemm f'okkażjoni minhhom, sab il-ħadid. Insista anke waqt il-kontroeżami, li huwa ilu fil-pussess ta' din ir-raba' għal snin. **Tracey Azzopardi** wkoll ikkonferma li din ir-raba' kienet ilha fil-pussess tal-familja tiegħu, għall-żmien twil ta' snin.

Il-Qorti tqis li ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni, it-tieni u t-tielet elementi rikjesti biex tissussisti din l-imputazzjoni, ossija ma nġabux provi dwar il-kredenza li l-att qed isir b'eżerċizzju ta' dritt u l-koxjenza fl-agent, li hu qiegħed jagħmel "*di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorità pubblika. In oltre, jibqa' l-fatt kruċjali li r-raba' kienet fil-pussess tal-imputat, hekk kif anke kkonfermaw l-istess xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni. Ma hemmx aġir li jammonta għal spussessament ta' ħwejjeġ, li kienu fil-pussess tal-parte ċivile. Li għamel semmai l-imputat kien, li baqa' jżomm f'idejh din ir-raba', li ġià kienet fil-pussess tiegħu, anke meta ġie mitlub mill-parte ċivile, biex joħroġ minn din ir-raba'. Din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi, li l-imputat neħħa din ir-raba' mill-pussess tal-parte ċivile. Skont il-Maino fuq ċitat, dan ma jwassalx għall-estremi tar-reat ta' *ragion fattasi*. Jiġi ribadit li din il-Qorti mhijiex qiegħda hawnhekk, biex tindaga jekk l-imputat għandux dritt validu biex ikompli jaħdem ir-raba' in kwistjoni; jekk il-parte ċivile għandhomx titlu ta' proprjetà fuq din ir-raba' jew jekk jeżistux estremi biex l-imputat jiġi żgumbrat minn din ir-raba', in vista tal-liġi ċivili. Il-fatti kif ġew spjegati lil din il-Qorti, ma jissodisfawx l-elementi rikjesti għal reat ta' *raggion fattasi*.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu, u tilliberah minn kull kundanna u ħtija.

Din is-sentenza qed tingħata mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni li tista’ tittieħed fil-fora ċivili, rigward l-istess mertu.

______________________________

Maġistrat Dr. Simone Grech

______________________________

Janet Calleja
Deputat Reġistratur